



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

15892/25

LIMITE

CORLX 1123  
CFSP/PESC 1716  
RELEX 1549  
COLAC 200  
COARM 203  
FIN 1449

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-  
Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni  
fil-Venezwela

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 14.11.2017, p. 21. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2063/oj>.

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/2063.
- (2) Abbażi ta' rieżami tal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2063, jenħtieġ li jiġu aġġornati l-entrati għal erba' persuni fiżiċi li jinsabu fih.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2063 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2063 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX

Fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2063, fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi, l-entrati 2, 11, 31 u 37 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2.	Gustavo Enrique GONZÁLEZ LÓPEZ	Data tat-twelid: 2.11.1960 Sess: raġel	President ta' Petróleos de Venezuela (PDVSA). Direttur Ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN) bejn April 2019 u Ottubru 2024. Konsulent dwar is-Sigurtà u l-Intelligence tal-President Maduro minn Jannar 2019, u Direttur Ġenerali ta' SEBIN minn Frar 2014 sa Ottubru 2018. Matul iż-żminijiet li serva bħala direttur ta' SEBIN, uffiċjali taħt l-awtorità aħħarija tiegħu wettqu atti ta' detenzjoni arbitrarja, tortura u trattament krudili u inuman, inkluż vjolenza sesswali, fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' El Helicoide. Bħala Direttur Ġenerali ta' SEBIN, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem inkluż detenzjoni arbitrarja, trattament inuman u degradanti, u tortura u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela.	22.1.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
11.	Iván HERNÁNDEZ DALA	Data tat-twelid 18.5.1966 Sess: raġel	President tan-National Telephone Company of Venezuela (Cantv). Maġġur General fil-FANB. Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal- tal-Counter-Intelligence Militari (DGCIM) bejn Jannar 2014 u Ottubru 2024 u Kap tal-Gwardja Presidenzjali bejn Settembru 2015 u Ottubru 2024. Bħala l-Kap tad-DGCIM, Iván Hernández Dala huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, inkluż tortura, l-użu ta' forza eċċessiva u l-maltrattament tad-detenuti.	25.6.2018
31.	Jorge Elieser MÁRQUEZ MONSALVE	Data tat-twelid: 20.2.1971 Post tat-twelid: Caracas, Venezwela Numru tal-ID: V-8714253 Sess: raġel	Ministru għall-Elettriku u Viċi President għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Utilitajiet mit-23 ta' April 2024 'l hawn. Eks Ministru għall-Uffiċċju tal-Presidenza u Direttur Ġenerali tan-National Commission of Telecommunications (CONATEL) mis-7 ta' Awwissu 2017 'l hawn. L-azzjonijiet tiegħu dgħajfu d-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi llimita serjament id-drittijiet tal-poplu Venezwelan għal-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni. Huwa uża s-setgħat speċjali tal-CONATEL biex isikket il-kritika u d-dissidenti lejn ir-reġim billi mblokka, iffiltra u ostakola s-siti web tal-internet, billi rrevoka l-liċenzji eżistenti għall-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni u billi rrifjuta li jingħataw liċenzji ġodda.	29.6.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
37.	Remigio CEBALLOS ICHASO	Data tat-twelid: 1.5.1963 Numru tal-ID: V-6557495 Sess: raġel	Ambaxxatur tal-Venezwela għaċ-Ċina. Eks Ministru għall-Intern u l-Ġustizzja tal-Venezwela (Awwissu 2021 – Awwissu 2024) u Viċi President tal-Gvern għas-Sigurtà taċ-Ċittadini. Eks Kmandant tal-Kmand Operazzjonali u Strateġiku tal-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani tal-Venezwela (Comando Estratégico Operacional Fuerzas Armadas Nacionales Bolivarianas (CEOFANB)), l-ogħla organu fil-Forzi Armati Venezwelani (Ġunju 2017 – Lulju 2021). Is-CEOFANB jikkontrolla l-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani (FANB) u l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Is-CEOFANB huwa wkoll responsabbli għall-koordinazzjoni tal-interventi tal-FANB fid-dimostrazzjonijiet. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kmandant tas-CEOFANB, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-użu ta' forza eċċessiva u t-trattament inuman u degradanti minn uffiċjali tal-FANB u minn forzi subordinati taħt il-kmand tiegħu, inkluż il-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Sorsi varji, inkluż il-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti dwar ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, jattribwixxu ksur tad-drittijiet tal-bniedem lill-FANB u lill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana.	22.2.2021”.